# L-inni-marċi mill-pinna ta' Mro. Willie Attard




Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: F'dal-artiklu għażilt li nlaqqagħkom ma' żewġ inni-marċi tas-surmast Willie Attard – Inno Marcia 'La Vittoria' (1932), għall-banda Melliħija li ġġib l-istess isem, u l-Inno Marcia 'San Gejtanu' (1947), għall-banda Ġużeppina Ħamruniża. Minn dal-innijiet kiteb oħrajn: wieħed għall-banda 'San Gabriel' ta' Ħal Balzan, u ieħor bl-isem ta' 'Lil San Ġużepp', għall-banda Ħamruniża fuq versi tal-Avukat Anton Buttiġieġ, fl-okkażjoni tal-50 anniversarju mit-twaqqif tagħha fl-1939. Kiteb ukoll innijiet popolari, fosthom 'Lil Banda La Vittoria', fuq versi tal-Avukat Ġorġ Żammit, fl-okkażjoni tal-50 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Il-ħsieb li nlaqqagħkom ma' daż-żewġ xogħlijiet hu biex ngħin lil qarrej jagħraf xi stil sabiħ kien jaf iħaddem Mro. Attard fix-xogħlijiet tiegħu. Fl-istess waqt, nagħti prova kemm il-mużika ta' das-surmast kienet u għadha tabilħaqq tingħoġob minn dawk kollha li għandhom għall-qalbhom l-baned Maltin. Nieħu dil-okkażjoni biex nirringrazzja lis-Sur Joe Cauchi, segretarju ġenerali tas-Soċjetà, talli għoġbu jgħaddili xi partijiet mill-innu-marċ La Vittoria biex stajt ninseġ dal-artiklu. Ħajr ukoll lill-Kaptan Twanny Attard, iben is-surmast, tat-tagħrif addizzjonali li għoġbu jgħaddili dwar l-innu-marċ San Gejtanu wara li kont intervistajtu fis-26 ta' Awwissu, 2016, u tal-fotokopja tal-partitura oriġinali li għoġbu jirregalali. Kopja oriġinali ta' dal-innu-marċ tinsab merfugħa fl-arkivji tal-Katidral tal-Imdina.

Kliem muftieħ: Mellieħa, Mro. Willie Attard, Carmelo Debono Vella (spiżjar), Karlu (Carlo) Satariano, Innu-marċ, Innu-marċ 'La Vittoria', Innu-marċ 'San Gejtanu', University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Mużikali 'San Ġużepp' (Ħamrun), Società Filarmonica 'La Vittoria' (Mellieħa), Soċjetà Filarmonika 'Leone' (Victoria, Għawdex).

Innu-marċ hu innu popolari (jew innu *di gloria* qasir) f'temp moderat, u strutturalment imtawwal f'forma ta' marċ li jinkludi wkoll it-triju. Ġeneralment jinkiteb għal kor u banda. Id-differenza mbagħad bejn innu u innu-marċ hija, li tal-ewwel ikun strofiku u jindaqq minn orkestra ġo xi knisja, filwaqt li tal-aħħar jindaqq minn banda fuq planċier. Madankollu, innu li soltu jindaqq ġol-knisja jispiċċa biex jindaqq ukoll fuq barra mill-banda.


Innu tal-Banda "La Vittoria"
*Kliem ta' l-ispiżjar is-Sur Carmelo Debono Vella*
*Mużika tas-Surmast William Attard*

Viva l-Banda La Vittoria
Vera Banda Mellehija
Lilha tixraq kbira glorja
Lilha tixraq kull foħrija

Hija kisbet kbar unuri
Haddnet fqar u kbar sinjuri
Dejjem għaqal kbir uriet
Fil-kampanja u ġo l-ibliet

Bħal suldati, bħal qalbiena
Int ilqajtna ġo dirgħajk
Aħna niġu għal warajk
B'ħilitna kollha napplewduk

Viva dejjem La Vittoria
Dina tkun l-għajta minn tagħna
Meta l-għadu jersaq magħna
Lilu nirbħu b'forza żgur.

## (1) Innu-marċ 'La Vittoria'


Mro. Willie Attard (1899-1970), kompożitur taż-żewġ inni-marċi.

L-innu-marċ 'La Vittoria' nkiteb għall-festa tal-ġublew tal-fidda li ġie ċċelebrat fit-18 ta' Settembru 1932. Dan sar wara li Mro. Attard kien għadu kemm laħaq surmast-direttur fl-10 ta' Lulju tal-istess sena. Proprjament, l-innu-marċ kien ġa żżanżan waqt programm mużikali fil-festa titulari għaxart ijiem qabel. Il-versi huma tal-ispiżjar Mellieħi, Carmelo Debono Vella. L-Innu fih erba' strofi bil-vers tat-tmienja u b'rimi differenti: f'tal-ewwel alternata (mqabbża); f'tat-tieni mbewsa, għax iż-żewġ pari jitqabblu bejniethom; u f'tat-tielet u r-raba' inkroċjata (msallba), peress li t-tieni u t-tielet vers bir-rima taqbel.

U għad li l-vrus mhumiex poetikament daqstant b'saħħithom, il-qabbiel xorta waħda jirnexxilu jinseġ innu ta' tifħir lill-Banda kif jaf hu. Hu jiftaħ l-Innu billi jindirizzaha mill-ewwel b'isimha u b'raħalha, u permezz tal-użu tal-anafora jgħidilha li jixirqilha kull tifħir u glorja. Fit-tieni strofa mbagħad, il-qabbiel isemmi l-unuri kbar li hi kisbet għax ħaddnet 'il kulħadd mingħajr distinzjoni, u li dejjem uriet għaqal kbir kull fejn marret iddoqq. Fit-tielet strofa ixebbah lill-partitarji ma' suldati qalbiena li ġew milqugħa f'dirgħajha; hekk issa huma jibqgħu fidili lejha billi jmorru għal urajha ħalli japplawduha b'ħilithom kollha. U kull meta l-għadu tagħhom jittanta jersaq magħhom, huma bilfors li se joħorġu rebbieħa bl-għajta tagħhom ta' 'Viva dejjem la Vittoria'.

Bħala mużika l-Innu għandu forma binarja, fejn kull waħda miż-żewġ taqsimiet il-kbar hija preċeduta minn fanfarra u huma mifrudin minn passaġġ li jservi ta' pont bejniethom:

| Taqsima | Battuti | Deskrizzjoni | |
|---|---|---|---|
| Introduzzjoni | 01 - 16 | Fanfarra | |
| **A** | 17 – 49 | Melodija | |
| | 50 - 57 | Pont | |
| Introduzzjoni | 58 - $65^{1}$ | Fanfarra | TRIO |
| **B** | $65^{2}$ - $97^{1}$ | Melodija | |

Fanfarra[1] (b. 01–16): Mro. Attard kien spiss idaħħal waħda jew aktar minnhom f'xogħlijietu. F'dal-każ, l-introduzzjoni tinqasam f'żewġ partijiet indaqs. Kull parti mbagħad terġa' tinqasam fi tnejn iżgħar, fejn ir-ram jiġi mwieġeb mill-banda kollha (eż. 1):




Innota l-mod kif il-kompożitur jiżviluppa l-materjal tal-ewwel żewġ battuti billi juża s-sistema *Ready, Steady, Go …* It-tieni parti tal-fanfarra tinbena bl-istess mod, imma tagħlaq b'mod differenti bi tħejjija għat-taqsima li tiġi wara.

Melodija A (b. 17–49): tinqasam f'erba' frażijiet ta' tmien battuti l-waħda. Tindaqq fuq il-klarinetti u bil-kurunetti ottava taħthom, akkumpanjati minn kuntrakant fil-forma t'arpeġġi min-naħa tal-ewfonji. Il-melodija, li fil-biċċa l-kbira tagħha timxi b'mod skalat, hi faċli ħafna biex tkanta magħha. L-istess jingħad għall-versi, għax fi kliem Dun Frans Camilleri stess, 'l-innijiet popolari jridu jkun sempliċi, kemm fit-tifsir tal-ħsibijiet kif ukoll fil-għażla tal-kelma li trid tkun ukoll popolari.'[2] Hu jżid jgħid li, mingħajr dawn il-kwalitajiet, 'innu



Parti tal-kurunetta prima tal-Innu La Vittoria (Ħajr lis-Sur Joe Cauchi)

[1] Dil-kelma aktarx ġejja mill-ilsien Għarbi *anfar*, plural ta' *nafir* li bil-Malti tfisser 'trumbetti'. Minn hemm, il-kelma bdiet tintuża biex tiddeskrivi kull tip ta' mużika għolja u elaborata bħalma nsibu f'xi parata militari. Tista' tindaqq ukoll minn strument wieħed biss bħala salut jew sempliċiment biex jingħata sinjal.
[2] 'Innijiet', Lux Press, Ħamrun (1948).

diffiċli biex jindaqq u jitkanta għax ma jkun hemmx ir-ruħ, ma jkun hemmx spontaneità.'[3]

Il-Pont (b. 50–57): jikkonsisti f'passaġġ mhux tematiku li jgħaqqad iż-żewġ taqsimiet il-kbar. Fih ma jiġri xejn partikolari għax m'hemmx dal-element li qegħdin insemmu, izda biss serje ta' noti skalati li huma fil-karattru tal-melodija f'taqsima A. L-istess erba' kromi li hemm immarkati bl-ittra (x) insibuhom wkoll fl-ewwel eżempju. Minn dan u eżempji oħrajn joħroġ il-fatt, li x-xogħol huwa wieħed omoġenju. Dan ifisser li l-istess ideat insibuhom imxerrdin 'l hawn u 'l hinn max-xogħol kollu u b'hekk iżomm il-karattru tiegħu (eż. 2):

ez. 2



L-introduzzjoni għat-triju (b. 58–$65^{1}$): Bħal fil-każ tal-ewwel waħda, din ukoll tagħmel użu minn fanfarra li tistrieħ fuq l-istrumenti tar-ram. Infatti, il-kurunetti soli dlonk jitwieġbu mill-ewfonji daqslikieku kienu d-diwi tagħhom (eż. 3):

ez. 3



Il-melodija tat-triju f'taqsima B (b. $65^{2}$-$97^{1}$): Għandha l-istess tul bħall-ewwel waħda u tinqasam bl-istess mod, jiġifieri f'erba' frażijiet ta' tmien battuti l-waħda. Bħalha wkoll, it-taqsimiet jibdew dejjem *in aria*, bil-melodija akkumpanjata minn waħda kontriha min-naħa tal-ewfonji. F'dak li hu disinn imbagħad, il-melodija għandha ħafna minn għanja folkloristika Maltija li soltu nisimgħu ħierġa spirtu pront minn fomm l-għannej. Il-kisra sempliċi tagħha jagħmilha aktar faċli għal min jixtieq ikanta magħha.

**(2) Innu-marċ 'Tifħir lil San Gejtanu'**

L-innu-marċ 'Tifħir lil San Gejtanu' inkiteb fl-1947 meta l-parroċċa tal-Ħamrun, dak iż-żmien taħt il-parrokat ta' Dun Nerik Cordina Perez, iċċelebrat ir-raba' ċentinarju mill-mewt tal-Qaddis.

Carlo (Karlu) Satariano[4] (?-?) mhux biss hu l-awtur tal-versi immortali ta' dal-innu-marċ, imma wkoll il-guru[5] ewlieni tal-ġurnaliżmu satiriku-popolari fl-ewwel nofs tas-seklu l-ieħor. Għal tmien snin sħaħ sal-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija kien editur ta' *Dottor Brombos*[6], filwaqt li bejn is-snin 1945 u 1956 kellu l-folju umoristiku, pulitku u varju, *Il-Ġannett*[7]. Infatti nsibu li qabel, Satariano kien ġa msieħeb ma' Joseph Arena f'ġurnali satiriċi jew umoristiċi fosthom, *Il-Felu, Il-Ħmar* u *Il-Ħmara*. Kien ukoll kantant, u awtur ta' diversi kanzunetti Maltin tat-tletinijiet, fosthom il-famuż rakkont bil-kant *Maddalena*. Ħafna minn dal-

---

[3] *Idem.*

[4] Carlo, jew Karlu bħala isem, u Satariano, jew Satarjanu bħala kunjom kollha jirreferu għall-istess persuna. Kunjomijiet oħrajn li kienu dehru f'xi ġurnali bħalma huma, Sataljano (L-Orizzont - 8.8.1970) u Satalino (It-Torċa, p. 26 - 9.2.2003) huma għalkollox skorretti.

[5] Awtorità jew għalliem rispettat għall-għerf tiegħu.

[6] Kelma li tiddeskrivi bniedem prużuntuż, li juri, jew jaħseb, li jifhem ħafna meta fil-fatt ma jkun jaf xejn.

[7] Kelma ġejja mit-Taljan (*gianetto* jew *ginnetto*) b'żewġ tifsiriet li għandhom minn xulxin: jew litterament tip ta' żiemel żgħir tal-ġiri ta' razza Spanjola jew ħmar daqsxejn imdaqqas, jonkella bħala appellattiv mogħti lil xi żagħżugħ li jkun għadu ma jafx jaħseb għal rasu, jew, f'każ ta' bniedem, fidil jew injorant. Iżda, ġannett jista' jkun ukoll tip ta' żunżan bil-faxxi sofor u li jbejjet fil-ħitan tas-sejjieħ. Iż-żunżan għandu x-xewka u allura jista' jniggeż biha! Dwar dal-folju umoristiku, Satariano kien joħorġu flimkien ma' John Scerri, kummerċjant u produttur tas-sigaretti mill-Ħamrun.

kanzunetti kienu mmużikati mis-surmastrijiet Vincenzo Ciappara u Antonio Miruzzi. Kien ukoll iħobb iħarbex xi poeżiji, ħafna minnhom iddedikati lil San Gejtanu li kienu jiġu mitbugħin fil-programmi tal-festa tal-parroċċa ta' San Gejtanu, Ħamrun, bejn is-snin 1946 u 1953.

Il-mużika tal-innu-marċ saret qabel il-versi. Fil-fatt, dan kien indaqq għall-ewwel darba fil-festa ta' San Gejtanu tal-1946 bħala marċ kwalunkwe. Peress li s-surmast u Satariano kienu jafu 'l xulxin, dan tal-aħħar wiegħdu li jagħmillu l-kliem għalih. Wisq probabbli li, il-marċ magħżul biex minnu sar l-innu-marċ kien itwal għax jidher li kien fih il-passaġġ tan-nofs. Jerġa', meta s-surmast iddeċieda liema passaġġ kellu jitneħħa u ġie biex jikteb l-innu-marċ kif nafuh illum, minnu reġa' neħħa daqs erba' battuti oħra li kienu jinsabu f'tarf l-introduzzjoni. Dan seta' sar, jew fuq parir tal-istess Satariano, jonkella tal-kompożitur innifsu. B'hekk, il-kant issa seta' jidħol mill-ewwel ma' tmiem il-fanfarra. Jidher ukoll li fl-innu-marċ, is-surmast reġa' daħħal il-fanfarra tal-bidu qabel it-triju, forsi xi ħaġa li ma kontx issibha fil-marċ oriġinali tal-1946.

Minn dak li jiftakar il-Kaptan Attard, l-innu-marċ beda jitkanta mit-tfal ta' bejn tmien u erbatax/ħmistax-il sena. Il-kor kien ikun fih mat-tletin tifel u tifla. Is-surmast Attard kien jieħu ħsieb iġibilhom bandist apposta biex idoqqilhom il-kurunetta ħalli jitgħallmu jkantawh. Hu kien jibda jgħaddi l-innu-marċ minn żmien tajjeb qabel il-festa. Dakinhar tal-programm imbagħad, it-tfal kien ikun fihom għaxqa kollha lebsin qalziet jew dublett blu u qmis ċelesti. Il-bniet kienu jagħmlu wkoll ċoff tal-istess lewn ma' rashom.



Programm tal-MARĊI li l-Banda S. Ġużepp sejra tagħmel nhar il-Ħadd 11 ta' Awissu (jum il-Festa) mit-8.30 ta' filgħodu l-quddiem.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. Texidor | Amparito Roca | Marċa Spaniola |
| 2. Attard | Our Feast | ,, |
| 3. Ciappara | The Great Little Army | ,, |
| 4. Ciappara | Panzano | ,, |
| 5. Palmier | Star Light | ,, |
| 6. Alberani | Piumazzo | ,, |
| 7. Attard | Aureola | ,, |

Programm ta' marċi ġodda mill-banda Ħamruniża Ġużeppina tal-Ħadd 11 t'Awwissu (jum il-festa ta' San Gejtanu) 1946

Jekk wieħed iqalleb sew fil-kotba tal-festa li kienu joħorġu mill-parroċċa tal-Ħamrun, insibu li fil-programm ta' tmien marċi ġodda li l-Banda 'San Ġużepp' kienet żanżnet għall-festa ta' San Gejtanu nhar il-Ħadd, 11 ta' Awwissu, 1946, waqt il-marċ tradizzjonali ta' filgħodu, tnejn kienu tas-surmast Attard: 'Our Feast' (nru 2) u 'Aureola' (nru 7). Skont ma jiftakar l-Kaptan Attard, wieħed minn dawn it-tnejn kellu jsir il-famuż innu-marċ. Jekk wieħed iħares ukoll lejn il-programm ta' lejlet il-festa jsib li fil-lista jidher biss l-'Innu San Ġużepp' tal-istess surmast. Fil-ktieb tal-festa ta' San Gejtanu 1948 insibu li l-innu-marċ qed mal-lista ta' marċi li ndaqqew il-Ħadd filgħodu tat-8 ta' Awwissu ta' dik is-sena. Fl-istess programm ukoll, bit-titlu 'Tifħir lil San Gejtanu', li jitkanta mal-Banda "San Ġużepp", Ħamrun' iġib il-kliem kollu ta' dal-innu-marċ. Madankollu, l-istess innu-marċ ma kienx għadu jindaqq fil-programm li kien isir maġenb il-knisja lejlet il-festa. Infatti, l-ewwel darba li nisbuh jindaqq kien is-Sibt 11 ta' Awwissu, 1951, lejlet il-festa titulari. Dakinhar, għall-ewwel darba, kien indaqq fil-bidu, eżatt wara l-innu tal-Papa.



Ritratt tas-surmast Willie Attard meħud fl-ewwel nofs tal-50ijiet

Mingħajr dubju, il-partitarji Ġużeppini Ħamruniżi jagħrfu l-innu-marċ mal-ewwel erba' noti – dik il-famuża fanfarra b'dawk żewġ biskromi li tant u tant bandisti jitħabtu mingħajr suċċess biex jeżegwixxuhom.[8] Parti mill-problema hi li jindaqq f'temp wisq mgħaġġel, u allura l-bandist jispiċċa jdoqq biss semikroma fit-tieni nofs tal-ewwel taħbita, minflok iż-żewġ biskromi kif kitibhom u riedhom il-kompożitur. Dan jirriżulta minħabba nuqqas ta' ħeffa fid-daqq min-naħa tal-bandist li ma jkunx imħarreġ biżżejjed għal biex teknikament jeżegwixxi passaġġ simili. Il-problema aktarx twieldet meta l-innu-marċ beda jindaqq f'temp aktar imgħaġġel milli suppost waqt li l-banda tkun għaddejja timmarċja weħidha fit-triq u mhux bilqiegħda fuq planċier taħt il-ħarsien tas-surmast. Is-soluzzjoni għal dan hi, li kull darba li jiġi eżegwit, it-temp tiegħu għandu aktar ixaqleb lejn *moderato* milli *allegro*. Dan huwa ta' vantaġġ ukoll għall-kor meta jiġi biex ikantah mal-

[8] Skont il-Kaptan Attard, missieru kien dejjem jiffitta fuqhom dawn in-noti tal-introduzzjoni.

banda. B'hekk, il-kliem tal-innu-marċ ikun aktar irpużat u żgur li jiftiehem aħjar.

Issa, biex il-par biskromi jindaqqu sewwa u f'ħinhom, il-bandist irid juża dak li aħna nsejħulu *double tonguing* (jolqot il-qasba jew bokkin b'daqqtejn ta' lsien, imma b'mod differenti). Dan isir billi tleħħen b'mod mgħaġġel kemm jista' jkun żewġ ittri mill-alfabet wara xulxin, il-waħda xemxija u l-oħra qamrija. Dawn huma l-ittri *te* u *ke*. Daż-żewġ biskromi qegħdin hemm biex mużikalment iservu ta' *springboard* għat-terzina tal-kromi li hemm warajhom. Dan iwassal biex il-fanfarra tinstema' isbaħ u aktar fuq ruħha. Inkun qed ngħid is-sew jekk ngħid li, ritmu bħalm' hu dan, hu aktar adattata għal strument tal-korda peress li huma jużaw teknika partikolari magħrufa bħala *spiccato*[9]. Dan isir billi, bl-ark[10] iddoqq żewġ noti, jew aktar, mgħaġġlin kemm jista' jkun fuq il-korda b'tali mod li, kull darba li jaħbtu ħafif magħha permezz tal-istakkat[11], jaqbżu lura bħal f'molla.

Fl-eżempju t'hawn taħt qed nislet l-ewwel erba' battuti mill-fanfarra tal-bidu biex dak li jkun jifhem aħjar x'irid il-kompożitur. L-erba' pentagrammi huma mmarkati bl-ittri minn A sa D, filwaqt li, 'a' tirreferi għaż-żewġ biskromi u, 'b' għat-terzina tal-kromi:




'A' turi t-taqsim tan-noti kif għandu jiġu. Jekk nieħdu l-ewwel battuta, nsibu kroma, respir aspett u par biskromi fl-ewwel taħbita, u terzina tal-kromi fit-tieni waħda. Wieħed malajr jinnota li, it-tieni u t-tielet battuta jimxu fuq l-istess mudell ritmiku. Huwa biss fir-raba' battuta li l-frażi tmur u tistrieħ fuq nota twila biex imbagħad, fit-tieni frażi jerġa' jkollna l-istess ħaġa, imma bl-aħħar nota tinżel flok titla'. B'hekk, is-sentenza mużikali ta' tmien battuti tiġi fi tmiemha qabel ma din tirreplika ruħha, bil-bqija tal-banda tingħaqad mal-kurunetti, li sa ftit qabel kienu qegħdin idoqqu weħidhom. Wieħed għandu jinnota wkoll, li Mro. Attard, li kien ukoll idoqq tajjeb ħafna l-istrumenti tal-qasba, ħa ħsieb ideffes l-aspett bejn il-kroma tal-bidu u l-par biskromi, biex b'hekk dawn tal-aħħar jiddistingwu ruħhom aktar, u fl-istess ħin bħal jisparaw ruħhom għal fuq it-terzina ta' warajhom.

'B', 'C', u 'D' niżżilthom taħt 'A' biex nuri l-mod ħażin ta' kif sfortunatament jindaqq dal-passaġġ. Id-differenza bejn 'B' u 'C' hija minima fis-sens li, f''B'għandna kroma bil-punt + semikroma fl-ewwel taħbita, filwaqt li, f''C', fl-istess post ukoll, għandna kroma + respir aspett, imbagħad semikroma. Minn daqshekk, 'C' toqrob aktar lejn 'A' minn 'B' peress li fiż-żewġ każijiet għandna l-istess valur ta' noti bil-kroma segwita minn aspett. Grazzi għal dal-aspett, il-kroma ta' qablu tiġi tinstema' daqslikieku kienet stakkata, xi ħaġa li hi nieqsa f'verżjoni 'B'. Tajjeb ngħidu hawnhekk, li l-kurunetti jħobbu jiffanfraw f'fanfarri ta' dat-tip li jinvolvi noti stakkati, u/jew l-istess noti ripetuti b'mod imgħaġġel, li jiġu eżegwiti minn daqq ħafif tal-ilsien. Issa, li tnaqqas minn dil-aġilità kollha li qed joffri passaġġ bħalm' hu dan tkun qed iddgħajjiflu dik is-sbuħija vibranti tant mixtieqa mill-kompożitur.

'D' hi agħar mit-tnejn ta' qabilha għax ir-ritmu fl-ewwel taħbita jitbiegħed wisq minn dak oriġinali, bil-konsegwenza li jiġi jinstema' qisu qiegħed in $^{6}/_{8}$[12]. Mhux biss il-par biskromi jogħsfru, iżda anki s-

---

[9] Din il-kelma nużawha wkoll fil-Malti – *spikkat*: maqlugħ; maqtugħ; rkaċċat; maħruġ 'il barra; li jagħti fil-għajn.
[10] Dak li aħna bl-Ingliż insejħulu *bow*. Bil-Malti ġieli nsibuh ukoll bħala qwajjes (qaws żgħir).
[11] In-noti jinstemgħu maqtugħin minn xulxin bħallikieku għandek l-aspett bejniethom.
[12] Dan hu wieħed mill-ħafna tempijiet li nsibu fil-mużika. Minnu nkunu nafu kif għandha titħabbat biċċa mużika, jew kif titqassam kull battuta. Dan billi wieħed iħares lejn iż-żewġ numri, wieħed fuq u l-ieħor taħt, li jkun hemm wara l-kjavi fil-bidu

semikroma, li qed tieħu posthom b'mod skorrett bħalma nisbu f'eżempji 'B' u 'C'. Hu biss l-istakkat fuq is-semiminima fl-ewwel terzina li jrodd lura r-respir aspett li donnu kien intilef fl-ewwel taħbita.

Dal-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Melliħin għal żewġ raġunijiet: (a) fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Marija Bambina li ta' kull sena tiġi solennement iċċelebrata fil-Mellieħa; (b) fl-okkażjoni ta' għeluq it-20 tal-University of Malta 'Ġ.F. Abela' Orchestra taħt id-direzzjoni tiegħi.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)

tax-xogħol. Għad li $^{2}/_{4}$ u $^{6}/_{8}$ it-tnejn għandhom temp doppju, tal-ewwel hu wieħed sempliċi u fih żewġ semiminimi, filwaqt li tat-tieni hu kompost għax għandu żewġ semimini bil-punt, fejn kull waħda minnhom tieħu tliet kromi u mhux tnejn.